# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XX**
**Illum l-Erbgha, 21 tta’ Frar, 2001**

**Appell Nru 265/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Vella talli “matul dawn l-ahhar gimghat u fil-21 ta’ Jannar, 1999, u matul il-lejl” fil-hanut li jismu “Xufi Mini Market” li jinsab fi Triq ta’ Mellu, l-Mosta, dejjaq lill-girien tieghu bi hsejjes maghmula minn muturi ta’ *fridges* u *freezers* li jinsabu fl-istess hanut;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta’ Novembru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Vella hati skond l-imputazzjoni kif dedotta u, wara li rat l-Artikoli 338(m) u 377(3) tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu hamsa w ghoxrin lira (Lm25) ammenda u ordnatlu sabiex inehhi l-inkonvenjent bil-mod kif rakkomandat fir-relazzjoni peritali fi zmien tlett xhur mid-data tal-istess sentenza u fin-nuqqas jehel penali ta’ zewg liri ammenda kulljum;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Emanuel Vella, minnu ppresentat fid-29 ta’ Novembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-Avukat Dott. John Refalo ghall-appellant u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-Avukat Generali fl-udjenza tal-Gimgha, 9 ta’ Frar, 2001; ikkunsidrat:

Qabel xejn jigi osservat li fl-udjenza tad-9 ta’ Frar, 2001 il-partijiet qablu li l-perit tekninu William Cassar Torregiani ma kellux ghalfejn jixhed f’din l-istanza riferibbilment ghar-relazzjoni tieghu presentata quddiem il-Qorti Inferjuri.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li s-sentenza appellata hija nulla peress li l-ewwel qorti "ma semghet ebda prova in sostenn tal-konkluzzjoni taghha" izda qaghdet fuq il-provi mismugha minn haddiehor, u cioe` mill-perit tekniku William Cassar Torregiani. L-appellant m'ghandux ragun. Meta l-Qorti tal-Magistrati, sew bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ukoll bhala Qorti Istruttorja, taghti s-setgha lill-perit li jircevi dokumenti u jisma' x-xhieda taht gurament quddiem l-imputat, "il-qorti ma ghandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti hekk prodotti jew terga' tezamina x-xhieda hekk mismugha, sakemm il-qorti ma tqisx li dan ikun mehtieg jew <u>sakemm l-imputat ma jaghmilx talba li jsir dan</u>" (Art. 650(5) tal-Kodici Kriminali, sottolinear tal-Qorti). Meta fid-9 ta' Gunju, 1999, il-Qorti Inferjuri nnominat lill-imsemmi William Cassar Torregiani bhala perit tekniku, hija hatritu "bis-soliti fakultajiet". Ghalkemm l-ewwel qorti setghet kienet aktar specifika dwar dawna l-fakultajiet, din il-Qorti tifhem li dak li l-ewwel qorti kienet qed taghmel kien proprju li tawtorizzah jircevi dokumenti u jisma' xhieda bil-gurament quddiem l-imputat, kif fil-fatt ghamel (ara l-verbal ta' l-access tas-16 ta' Novembru, 1999 mizmum mill-imsemmi perit). L-appellant (allura imputat) f'ebda stadju quddiem il-Qorti Inferjuri ma oggezzjoni ghall-fatt li l-perit kien ircieva dokumenti jew sema' xhieda bil-gurament; fi kliem iehor, f'ebda stadju ma fisser li hu kien qed jifhem xi haga differenti bil-frazi "bis-soliti fakultajiet". Mill-atti jirrisulta li l-perit tekniku ppresenta u halef ir-relazzjoni tieghu fil-25 ta' Jannar, 2000. Bejn din id-data u meta nghatat is-sentenza fit-23 ta' Novembru, 2000 l-appellant ma ghamel ebda talba sabiex ix-xhieda li kien sema' l-imsemmi perit jergghu jigu mismugha mill-Qorti Inferjuri, kif kellu kull dritt li jaghmel. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

Aggravju iehor ta' l-appellant hu li hu "qatt ma gie notifikat bil-konkluzzjoni peritali", u li ghalhekk ma setax igib provi jew jargumenta biex jirribatti l-imsemmija konkluzzjoni (jew konkluzzjonijiet). Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Ma kien hemm ebda htiega fil-ligi li l-appellant jigi "notifikat" bir-relazzjoni jew bil-konkluzzjoni taghha; din ir-relazzjoni (maghmula bil-miktub) giet presentata u mahlufa, kif inghad, fl-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2000, u minn dik il-gurnata kienet accessibbli ghall-appellant u ghad-difensur tieghu. L-appellant kellu kwazi ghaxar xhur zmien (cioe` sad-data tas-sentenza) biex jaghmel il-kummenti tieghu dwarha, haga li baqa' ma ghamilhiex.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li l-imputazzjoni ma gietx pruvata skond il-ligi, u cioe` li mill-provi prodotti l-appellant ma kellux jinstab hati tar-reat kontravvenzjonali kontemplat fil-paragrafu (m) ta' l-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li a bazi tar-relazzjoni tal-perit tekniku, l-ewwel qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li effettivament waslet ghaliha.

Fil-mori ta' l-appell, u precisament fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2001, l-appellant ippresenta, permezz ta' nota, certifikat taht il-firma ta' l-imsemmi William Cassar Torreggiani, li, skond l-istess appellant, juri li x-xogholijiet li

huwa kellu jaghmel fil-fatt ghamilhom. Dwar dan ic-certifikat din il-Qorti tillimita ruhha li tosserva semplicement li jekk verament l-appellant ottempera ruhhu ma dak rakkomandat fir-relazzjoni peritali, allura ma jinkorrix fil-penalitajiet komminati fis-sentenza appellata; jekk le, dawk il-penalitajiet jibdew jiddekorru wara tlett xhur minn din is-sentenza (cioe` s-sentenza ta' l-appell).

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu ta' tlett xhur ghat-tnehhija ta' l-inkonvenjent bil-mod kif rakkomandat fir-relazzjoni jibda jiddekorri mill-lum.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur